# FIL-PRIM’ AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Erbgha, 12 ta’ Lulju, 2002.**

**Kawza Numru: 60**

**Citaz. Nru. 1688/00 GV/7**

Doc. No. 289-02

**F.E. Sullivan & Co LTD**

**vs**

**Dr. Leslie Cuschieri u P.L. Hilda Ellul Mercer li b’degriet tal-21 ta’ Awissu 2000 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lis-socjeta’ estera “TBS Schiffahrts-und Industrie Service GMBH u b’digriet tal-24 ta’ Settembru 2000 Dr. Vincent Falzon assuma l-atti tal-kawza bhala mandatarju tas-Socjeta’ konvenuta in sostituzzjoni tal-kuraturi deputati Dr. Leslie Cuschieri u P.L. Hilda Ellul Mercer.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz taghha gie premess illi s-socjeta’ attrici F.E. Sullivan & Co. Ltd kienet lahqet ftehim mas-socjeta estera TBS Schiffahrts und Industrie – Service Gmbh rigward xoghol ta’ konsulenza u servizzi ohra provduti minn Thorsten B. Schmidt, rappresentant tas-socjeta’ konvenuta, rigward xogholijiet ta’ tiswija fuq il-bastimenti Misurata u Derna gewwa t-tarzna ta’ Malta;

Premess illi skond dan il-ftehim is-socjeta' konvenuta accettat li thallas lis-socjeta' attrici kummissjoni fuq ir-rikavat mix-xogholijiet imsemmija;

Premess illi wara li tlesta x-xogholijiet l-ammont dovut mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici huwa ta' DM187,665 [cirka Lm39,000] disgha u tletin elf Liri Maltin;

Premess illi s-socjeta' konvenuta kienet l-ewwel accettat li thallas lis-socjeta' attrici izda wara rrifjutat li taghmel dan minghajr ebda gustifikazzjoni;

Premess illi s-socjeta' attrici diversi drabi pruvat tilhaq ftehim mas-socjeta' konvenuta rigward il-hlas ta' l-ammont dovut izda minghajr success u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant is-socjeta' attrici talbet lil din il-Qorti biex:

1. Tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' DM 187,665 [cirka Lm39,000] jew ammont verjuri.

2. Tordna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont dovut.

Bl-ispejjez komprizi dak tal-mandat ta' sekwestru u bl-imghax legali kontra l-konvenuti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-atturi a fol. 3 tal-process;

Rat id-degriet tal-24 ta' Ottubru, 2000;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-Avukat Vincent Falzon bhala mandatarju tas-socjeta' konvenuta a fol. 7 tal-process fejn eccepixxa:

Illi preliminarjament is-socjeta' attrici ghandha ggib prova ta' l-allegat ftehim mas-socjeta' konvenuta bil-kondizzjonijiet u modalitajiet allegatament mifthema.

Illi minghajr pregudizju ghall-ewwel eccezjoni is-socjeta' attrici ghandha tipprezenta kont dettaljat bid-dokumenti relativi tax-xoghol ta' konsulenza u servizzi provduti.

Illi minghajr pregudizju taz-zewg eccezjonijiet precedenti hija s-socjeta' esponenti illi hija kreditrici tas-socjeta' attrici u mhux vice-versa kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Illi fi kwalunkwe kaz it-tieni talba hija kompriza fl-ewwel talba u ghalhekk hija zejda u ghalhekk il-konvenut nomine ghandu jsofri l-ispejjez taghha.

**Kontrotalba**

Rat il-kontro-talba ta' l-Avukat Vincent Falzon bhala mandatarju tas-socjeta' estera "TBS Schiffahrts – und Industrieservice GmbH" a fol. 9 fejn ippremetta illi l-istanti ipprovda servizzi kif inkarigat mis-socjeta A. Sullivan & Co Limited kif ukoll ikkonsenjalha f'diversi okkazzjonijiet li *spares* in konnessjoni mal-vapuri Misurata u Derna kif dettaljatament deskritti fl-annessi *invoices* markati Doc A 1-A 21;

Premess illi mill-istess dokumenti ghandu jjirrizulta illi l-prezz ta' dan ix-xoghol u spares jammonta ghal 285,156.07DM;

Premess li l-istanti ghandu jghati lis-socjeta' attrici is-somma ta' 169,256.46DM u ghalhekk jigi illi s-socjeta' stanti hija kreditrici tas-socjeta' attrici ghad-differenza fl-ammont ta' 115,899.61DM kif ghandu jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Il-konvenut nomine talab lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ attrici thallas lis-socjeta’ stanti is-somma ta’ mija u hmistax il-elf tmien mija disa u disghin punt wiehed u sittin DM (115,899.61DM) fl-ekwivalenti flus Maltin bl-interessi legali ghar-ragunijiet fuq imsemmija.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat illum.

Rat id-Dikjarazzjoni ta’ l-Avukat Vincent Falzon nomine a fol. 10 tal-process.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ attrici ghall-kontrotalba tal-konvenut noe a fol. 34 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi t-talbiet tas-socjeta’ konvenuta fil-kontro-talba taghha huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-eccipjenti ma humiex responsabbli jew obbligat li jhallas tal-ammont pretiz u ghalhekk is-socjeta’ attrici ma hija debitrici tas-socjeta’ konvenuta.

2. Illi fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta’ attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li x-xoghol li s-socjeta’ konvenuta ghamlet gewwa t-Tarzna ta’ Malta u li ghalih qed titlob l-hlas ta’ DM285,156.07 qatt ma gie sanzjonat mill-istess Tarzna u in fatti qatt ma hareg l-awtorizazzjoni mill-management tat-Tarzna sabiex isir dan ix-xoghol.

3. Illi fit-tielet lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont ta’ hlas li s-socjeta’ konvenuta qed titlob huwa fl-opinjoni tas-socjeta’ attrici esagerat u ma jirriflettiex il-veru valur tax-xoghol maghmul mis-socjeta’ konvenuta.

4. Illi fir-raba' lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont mitlub mis-socjeta' konvenuta ma thallasx lilha mit-Tarzna ta' Malta minhabba l-agir abbusiv u skorett da parte tal-istess socjeta' konvenuta u li minhabba hekk is-socjeta' attrici sofriet telf finanzjarju fl-ammont ta' DM177,412.50.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Illi mill-provi prodotti miz-zewg partijiet irrizulta li s-socjeta' konvenuta giet kuntrattata biex tesegwixxi xoghlijiet u tipprovdi '*parts*' ghat-tiswija ta' zewg bastimenti 'Derna' u 'Misurata". Dawn il-bastimenti kienu propjeta' tas-socjeta' Libyana u kienu jinsabu t-Tarzna ghat-tiswija. Is-socjeta' konvenuta kienet giet avvicinata mis-socjeta' attrici sabiex taghmel dan ix-xoghol. Is-socjeta' attrici kienet tirrapprezenta l-propjetarji tal-vapuri. Il-partijiet jaqblu li kien hemm zewg kuntratti in kwantu jirrigwarda x-xoghol esegwit mis-socjeta' konvenuta anki jekk is-socjeta' attrici taghzel li ssejhilhom zewg fazijiet ta' xoghol. Il-partijiet jaqblu wkoll li l-ewwel kuntratt sar bil-miktub bejn it-Tarzna u s-socjeta' konvenuta u dan wara li s-socjeta' attrici kienet l-ewwel talbet stima lis-socjeta' konvenuta u gie miftiehem li l-istess socjeta' attrici kienet ser tikkwota prezz oghla lit-Tarzna. Hemm qbil ukoll dwar il-fatt li l-partijiet kienu ftehmu li d-differenza fil-prezzijiet bejn l-istima rilaxxjata mis-socjeta' konvenuta u l-prezz kwotat mis-socjeta attrici lil Malta Drydocks kellu jithallas lis-socjeta' attrici bhala kummissjoni. Din il-kummissjoni kienet tammonta ghal DM169,256.46.

Mill-provi rrizulta li ma kienx hemm ftehim bil-miktub *ad hoc* in kwantu jirrigwarda l-hlas ta' din il-kummissjoni izda mill-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet u precizament mid-dokumenti esibiti a fol. 5 u a fol. 12 **jirrizulta li s-socjeta' konvenuta rrikonoxxiet li l-ammont ta'**

**DM169,256.46 kien dovut minnha lis-socjeta' attrici bhala kummissjoni**. Inoltre fil-kontro-talba, fl-affidavit tar-rapprezentant tas-socjeta' konvenuta, u fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, s-socjeta' konvenuta dejjem accettat li dan l-ammont kien dovut bhala kummissjoni lis-socjeta' attrici u li kien ghadu ma thallasx lis-socjeta' attrici. Il-partijiet qablu wkoll dwar il-fatt li s-socjeta' konvenuta esegwiet ix-xoghlijiet li giet kuntrattata taghmel fuq iz-zewg vapuri u li hija thallset mit-Tarzna ghax-xoghlijiet ezegwiti minnhha fl-ewwel fazi tax-xoghljiet.

**Illi l-partijiet m'humiex qeghdin jaqblu dwar in-natura tar-relazzjoni kuntrattwali ezistenti bejniethom in kwantu jirrigwarda t-tieni fazi tax-xoghlijiet.** Is-socjeta' 'attrici taccetta li dawn ix-xoghlijiet gew esegwiti mis-socjeta' konvenuta izda ssostni li dawn ix-xoghlijiet ma gewx sanzjonati mit-Tarzna u li ghal dawn ix-xoghlijiet kienu japplikaw il-kundizzjonijiet ta' l-ewwel kuntratt, u cioe' li s-socjeta' konvenuta kellha tithallas mit-Tarzna anki ghax-xoghlijiet esegwiti mis-socjeta' konvenuta fit-tieni fazi. Is-socjeta' attrici ssostni li hija ma kellha ebda obbligu li thallas lis-socjeta' konvenuta ghal dawn ix-xoghlijiet u li l-istess socjeta' konvenuta kienet diga pruvat tithallas minghand it-Tarzna izda wara li t-Tarzna rrifjutat li thallas, minhabba l-fatt li x-xoghlijiet ma gewx sanzjonati minnha, hija kienet issa qed tippretendi li tithallas mis-socjeta' attrici ghal dan ix-xoghol. Is-socjeta' konvenuta min-naha l-ohra tikkontendi li fit-tieni fazi tax-xoghlijiet hija kkuntrattat direttament mas-socjeta' attrici, liema socjeta' attrici kellha tkun responsabbli hi ghal pagament lis-socjeta' konvenuta. Is-socjeta' attrici kellha imbaghad tinnegozja direttament mat-Tarzna. Gew krejati zewg kuntratti, wiehed ta' appalt bejn is-socjeta' attrici u s-socjeta' konvenuta u l-iehor ta' sub-appalt bejn is-socjeta' attrici u t-Tarzna.

Illi mid-dokumenti esibiti a fol. 12 sa fol. 32 tal-process jirrizulta li ghat-tieni fazi tax-xoghlijiet il-fatturi gew mibghuta direttament lis-socjeta' attrici. Jirrizulta wkoll li s-socjeta' attrici effetwat pagament akkont mill-prezz ta' dawn ix-xoghlijiet. Il-fatt li s-socjeta' attrici hallset dan il-

pagament akkont, u fl-ebda stadju ta' dawn il-proceduri hija ma kkontestatx dana, jindika li hija kienet accettat li thallas direttament ghax-xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta' konvenuta fit-tieni fazi. Is-socjeta' attrici allegat li ghat-tieni fazi tax-xoghlijiet kienu japplikaw l-istess kundizzjonijiet bhal dawk applikabbli ghax-xoghlijiet tal-ewwel fazi. Wiehed allura jistaqsi, x'inhi r-raguni li s-socjeta' attrici ma talbitx il-kummissjoni fuq il-prezz tax-xoghlijiet tat-tieni fazi meta ntavolat il-proceduri odjerni. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha hija ssostni li dan m'ghamlitux ghaliex kienet taf li s-socjeta' konvenuta ma kienetx ser tithallas mit-Tarzna. Is-socjeta' konvenuta kien ikollha thallas il-kummissjoni indipendentement mill-fatt jekk thallsitx mit-Tarzna, kieku kien hemm ftehim f'dan is-sens. Inoltre s-socjeta' attrici ma ppruvatx li t-Tarzna giet mitluba thallas lis-socjeta' konvenuta tax-xoghlijiet esegwiti fit-tieni fazi, u l-anqas li x-xoghlijiet ma gewx sanzjonati mit-Tarzna. L-ahjar prova ta' dan kienet tkun ix-xhieda ta' rapprezentant mit-Tarzna li jikkonferma dak kollu allegat mis-socjeta' attrici, liema prova ma tressqitx mis-socjeta' attrici.

Illi ghalhekk jirrizulta sodisfacentement pruvat dak sottomess mis-socjeta' konvenuta rigward r-relazzjonijiet kuntratwali bejn il-partijiet dwar ix-xoghlijiet li saru fit-tieni fazi konsegwentement il-kontro-talba tas-socjeta' konvenuta ghandha tintlaqa'.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi :

kwantu ghat-talba attrici tiddikjara li s-socjeta' konvenuta ghandha taghti lis-socjeta attrici l-ammont ta' DM169,256.46;

tilqa' l-kontrotalba tas-socjeta' konvenuta u tikkundanna lis-socjeta' attrici thallas lis-socjeta' konvenuta s-somma ta' mija u hmistax il-elf

tmien mija disa u disghin punt wiehed u sittin DM (115,899.61DM) ekwivalenti fi flus Maltin ghal tlieta u ghoxrin elf tmien mija u tnejn u tletin lira Maltin u erbgha u disghin centezmi (Lm32,832.94) u dana billi mis-somma mitluba mis-socjeta' konvenuta ta' DM285,156.07 jitnaqqas l-ammont dovut lis-socjeta' attrici ta' DM169,256.46;

bl-imghax legali mid-data tas-sentenza;

Bl-ispejjez kwantu ghall-zewg terzi ghas-socjeta' attrici u terz ghas-socejta' konvenuta.

**ONOR. IMHALLEF GEOFFREY VALENZIA B.A., LL.D**

**Frankie Mercieca**
**Deputat Registratur.**